MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 343/2009

**Ping Sha**
**(Passaport Ciniz G 03923598)**

**vs**

**Guo Wei Zhang ID NO 31288(A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-avvizipprezentat fil-15 ta' Settembru 2009 mir-rikorrenti fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' sitt t'elef Euro (€6,000) rapprezentanti pagi dovuti lilha mill-intimat u li huwa baqa dejjem ma hallasx minkejja diversi interpellanzi.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-10 ta' Gunju 2009, inkluz ta' l-ittra ufficjali numru 3176/09.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi laqa' ghat-talba maghmulha kontra tieghu billi eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi sabiex ir-rikorrenti tadixxi din il-Qorti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet taghha, hi trid tipprova li qieghda f' Malta lecitament, u jekk fil-mument hi qieghda f' Malta lecitament, dan l-istat irid ikompli jissussisti ghad-durata tal-kawza kollha;

2. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, la tezisti u lanqas qatt ma eziztiet xi relazzjoni ta' impjieg bejn il-kontendenti, u ghalhekk l-intimat certament li ma hux il-legittimu kontraditur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-intimat Guo Wei Zhang qatt ma haddem lir-rikorrenti mieghu, u lanqas seta jhaddimha mieghu billi hu m'ghandhux permess biex ihaddem nies f'Malta mill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig (ETC);

4. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi kienet tahdem ma’ l-intimat hi biss allegazzjoni fiergha u vessatorja, maghmulha minnha sabiex tkompli tipprova tirreka danni lill-esponent u tkompli tikkagunalu aktar telf finanzjarju u inkwiet serju milli diga kkagunatlu sal-lum;

5. Illi ghaldaqstant, qieghed jigi michud b' mod kategoriku li l-intimat ghandu jhallas xi pagi lir-rikorrenti, u l-intimat ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti;

6. Illi ghaldaqstant, billi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, dawn ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha;

Rat illi fis-seduta ta’ l-24 ta' Frar 2010, il-partijiet qablu illi ghalkemm il-partijiet ma jitkellmux bil-lingwa Maltija, il-proceduri ghandhom jitkomplew bil-lingwa Maltija, salv ix-xhieda illi setghu jingabru bil-lingwa Ingliza.

Rat ix-xhieda ta' Ping Sha moghtija permezz ta' affidavit fl-1 ta' Gunju 2010 (fol 17) u in kontro ezami fit-18 ta' Mejju

2012 (fol 82), kif ukoll dokumentazzjoni minnha pprezentat.

Rat ix-xhieda ta' Jude Mifsud moghtija permezz ta' affidavit fit-2 ta' Gunju 2010 (fol 24) u in kontro ezami fis-27 ta' Jannar 2012 (fol 75).

Rat illi fit-22 t' Ottubru 2010 r-rikorrenti iddikjarat li ma fadallhiex aktar provi.

Rat ix-xhieda ta' Amanda Galea, rapprezentanta ta’ l-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) moghtija fis-16 ta' Frar 2011 (fol 34) kif ukoll dokumentazzjoni minnha pprezentat.

Rat ix-xhieda ta' Jennifer Debono, rapprezentanta tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) moghtija fis-16 ta' Frar 2011 (fol 37) kif ukoll dokumentazzjoni minnha pprezentat.

Rat ix-xhieda ta' Gou Wei Zhang moghtija permezz ta' affidavit fl-14 ta' Lulju 2011 (fol 51) kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu pprezentat.

Rat illi fit-18 ta' Mejju 2012, l-intimat iddikjara li ma fadallux aktar provi.

Rat illi fl-istess seduta tat-18 ta' Mejju 2012, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-5 ta' Ottubru 2012.

**Fatti**

Jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rikorrenti, illi hija kienet ilha taf lill-intimat ghal diversi snin, u dan mil-2001, meta hija kienet giet Malta tistudja l-Ingliz. Tant kienet tafu illi kienet hargitu minn diversi problemi u, meta kienet Malta fis-sena 2001 ghenitu sabiex isib xoghol gewwa restaurant Ciniz ix-Xemxija.

Sussegwentement, meta kien ic-Cina l-intimat, huwa ltaqa' maghha u talabha tikkunsidra tinzel Malta tahdem

mieghu gewwa restaurant. Hija accettat u nizlet Malta fl-10 ta' Ottubru 2007 flimkien ma persuna ohra, certu Qi Li Liu, illi kien ser ikun sieheb ma’ l-intimat fuq ir-restaurant. Minn l-ghada illi kienet hawn, hija impenjat ruhha sabiex issib post fejn jifthu restaurant, u huwa kien ihallasha paga ta' mija u sittax-il ewro u seba’ u erbghin centezmu (€116.47) fil-gimgha. Hija ma kienetx daqstant kuntenta izda kien jghidliha illi la darba x-xoghol jirranga, ihallasha aktar. Wara hames gimghat, izda, huwa waqaf ihallasha u qalilha illi meta r-restaurant jaqbad, ikun jista jhallasha.

Nelfrattemp, l-intimat fetah restaurant iehor gewwa Bugibba u kien ser jiftah iehor Birkirkara. Hi kienet tghinu fil-kwistjonijiet kollha illi kellhom x'jaqsmu mar-restaurant, li jinkludu permessi mad-diversi awtoritajiet u dokumentazzjoni ohra, peress illi huwa ma tantx kien jitkellem bl-Ingliz. Apparti minn hekk, hi kienet tmexxilu l-hanut gewwa l-Hamrun u tiehu hsieb li tmexxi il-hanut bil-bzonnijiet kollha illi kellu.

L-intimat, izda, baqa ma jhallashiex, u hi bdiet tipprotesta mieghu ta' dan u hu assikurha illi kien ser jibda jhallasha tant illi, f'Ottubru tas-sena 2008 qabel maghha li fl-ahhar tas-sena 2008 kien ser ihallasha kollox. Dana, izda ma sehhx, u meta hija kkonfrontatu, huwa cahad li kien qalilha li kien ser ihallasha u akkuzaha talli hadet il-flus hi mill-hanut. Kien ghalhekk illi, wara li ghamlet tlieta u sittin (63) gimgha tahdem minghajr ma jghaddilha l-flus, hi ddecidiet illi titlaq mill-hanut.

Hi ma hassitx il-htiega illi tirraporta dana kollu lill-Pulizija, peress illi kienet qed tispera illi l-intimat kien ser jifhem l-izball illi ghamel. Di fatti, f'Marzu 2009, l-intimat avvicina habib tar-rikorrenti, illi minghandu hija kienet tixtri l-haxix tal-hanut li kienet tmexxi hi qabel ma telqet, u wara illi tkellem mieghu dwar il-problemi illi kellu, dana il-habib, Jude Mifsud, intervejna sabiex ilaqqa iz-zewgt partijiet.

Il-laqgha saret, il-partijiet tkellmu u jidher illi, f'mument minnhom, l-intimat semma somma ta' sitt t’elef ewro (€6,000) li kellu ihallasha, u anke nizzilha fuq karta, izda eventwalment tali hlas qatt ma sar.

In kontro ezami, r-rikorrenti stqarret illi l-hwienet illi hi kienet tahdem fihom, kienu lkoll immexxija mil-kumpannija Double Happiness Limited, illi fiha hija kienet kemm Shareholder kif ukoll Direttur. Hi stqarret ukoll illi l-hanut gewwa l-Hamrun attwalment kien mikri f'isimha. Mitluba tiggustifika dawna l-fatti, tenut kont tal-fatt illi hija allegat li kienet impjegata ma’ l-intimat, ir-rikorrenti sahqet illi kienet qieghda tidher hi minflok l-intimat peress illi l-intimat, dak iz-zmien, kien qieghed jahdem go restaurant iehor u ma riedx jikxef  lilu nnifsu, u ghalhekk dehret hi minfloku. Hi cahdet kategorikament illi qatt kellha xi interessi fil-kumpanniji jew fil-business, izda kienet biss impjegata tghin lill-intimat.

Dwar il-kuntratt ta' impjieg, in kontro ezami r-rikorrenti stqarret illi hija ma kellha ebda kuntratt ta' mpjieg ma’ l-intimat, peress illi fic-Cina mhux il-prassi li jsiru kuntratti ta' impjieg. Hija stqarret ukoll li baqghet tahdem ma’ l-intimat minkejja li ma kienx ihallasha, peress illi kienet tittrattah bhala huha u hu kien jirrispettaha.

In sostenn tal-verzjoni taghha, xehed Jude Mifsud illi stqarr li huwa kien sar jaf lill-kontendenti peress illi kellhom restaurant vicin il-hanut tieghu u kienu jixtru l-haxix minghandu. Huwa stqarr li darba minnhom ir-rikorrenti kienet fethet qalbha mieghu illi l-intimat ma kienx qed ihallasha u darba ohra qaltlu illi kienet telqet mir-restaurant minhabba f'hekk u kienet qed tibza minnu. Stqarr ukoll illi eventwalment gie kellmu l-intimat u talbu jintervjeni mar-rikorrenti u wara li Mifsud qal li l-intimat li ma kienx korrett li ma hallashiex lir-rikorrenti, l-intimat qabad karta u fuqha nizzel illi huwa kien ser ihallasha sitt t’ elef ewro (€6,000) f'kaz illi huwa jirranga laqgha maghha. Mifsud ha hsieb jirranga tali laqgha izda xorta ma fehmux.

In kontro ezami, Mifsud stqarr illi, filwaqt illi kien jaf li r-restaurant huwa f'isem ir-rikorrenti, huwa kien jaf ukoll illi l-intimat kien attwalment sid il-hanut u r-rikorrenti kienet tahdem mieghu, u dan peress illi kien jidher li kellu awtorita'. Dwar il-kitba li ghamel l-intimat, Mifsud stqarr illi

huwa kien gieghel lill-intimat jikteb l-ammont biex hu jifhem kemm kien ser jaghtiha. Madanakollu, huwa zied jghid illi tali karta ghalih ma kienetx importanti u ghalhekk kien remiha, wara illi uriha lir-rikorrenti. Huwa zied jghid ukoll illi f'mument minnhom, l-intimat qal lir-rikorrenti sabiex tiehu il-hanut izda dina ma rieditux, izda Mifsud ma kienx f'pusizzjoni jispjega ghaliex sar dan il-kliem meta il-hanut attwalment kien f'isimha.

L-intimat Guo Wei Zhang, fix-xhieda tieghu, qal illi habib tieghu, certu Qi Lil Ui, fis-sena 2008 kien staqsieh jekk kienx interessat jahdem go restaurant illi kien sussegwentement inkera mir-rikorrenti f'Jannar 2008. Huwa accetta li jahdem fil-hanut li kien f'isem r-rikorrenti, u f'liema kirja l-istess rikorrenti kienet awtorizzata tassenjah u tghaddih lill-kumpannija Double Happiness Limited, li fih r-rikorrenti kellha sehem ta' 50%.

L-intimat sahaq illi huwa qatt ma seta jimpjega persuni u ghalhekk lir-rikorrenti huwa qatt ma impjegaha u ma ghandu jaghtiha xejn. Zied jghid, izda, illi meta fis-sena 2009 r-rikorrenti hadet il-cash register u telqet mir-restaurant, huwa ha t-tmexxija tal-post huwa stess u dahal f'kirja tal-hanut huwa stess ma' l-istess sidien illi kienu willew il-post lir-rikorrenti originarjament.

In sostenn ta’ l-argumenti tieghu, l-intimat tella rapprezentant tal-MFSA illi qalet li l-kumpannija Double Happiness Ltd kienet kumpannija ffurmata fl-1 ta' Novembru 2007 u li fiha s-shareholders kienu r-rikorrenti u certu Qi Li Lui, filwaqt illi b'effett mill-14 ta' April 2008, hi kienet l-unika direttur tal-kumpannija.

Xehdet ukoll rapprezentant tal-ETC li pprezentat dokumenti li juru li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta Double Happiness Limited mill-4 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Marzu 2009, meta skada il-work permit, imbaghad fit-23 ta' Frar 2010 kienet impjegata mas-socjeta W&M Zammit Tabona Limited bhala 'Hostess'. Xehdet ukoll illi l-intimat qatt ma impjega lir-rikorrenti mieghu u stqarret ukoll illi l-intimat seta jimpjega nies mieghu b'effett mit-18 t'Ottubru 2010.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta car mill-provi kollha prodotti illi provi dokumentarji sabiex jikkoraboraw l-allegazzjonijiet maghmulha mir-rikorrenti ma jezistu mkien peress illi, kif stqarret hi, kuntratt ta' impjieg qatt ma sar ghax fic-Cina ma jsirux tali kuntratti. Apparti minn hekk, l-aktar dokument importanti, illi kien dak allegatament miktub fil-prezenza ta' Jude Mifsud, fejn l-intimat indika li kellu jaghtiha sitt t'elef ewro (€6,000), ma kienx reperibbli peress illi, skond Mifsud, tant kien insignifikanti dan id-dokument illi remieh.

Ghalhekk, in vista ta' tali fatt, il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq ix-xhieda moghtija u dokumentazzjoni pprezentata mill-awtoritajiet dwar il-posizzjoni tal-kontendenti.

Jirrizulta car illi, ghalkemm l-intimata dahhlet f'Malta f'Ottubru 2007, hija giet registrata bhala impjegata ma' socjeta illi fiha r-rikorrenti ghandha 50% ishma, ossija Double Happiness Limited fl-4 ta' Marzu 2008, u dana minkejja li tali kumpannija giet iffurmata fl-1 ta' Novembru 2007 mill-istess rikorrenti.

Jirrizulta car ukoll illi fl-20 ta' Dicembru 2007, ir-rikorrenti kienet kriet ghal ghaxar snin f'isimha il-hanut fejn eventwalment kienu joperaw il-kontendenti. Sussegwentement tali hanut inkera mill-intimat ghal perjodu ta' disgha snin fit-12 ta' Mejju 2009.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, ghajr ghax-xhieda tal-kontendenti, l-unika xhud illi ttella mir-rikorrenti sabiex jikkorrabora il-verzjoni tieghu kien Jude Mifsud illi x-xhieda tieghu ma kienetx daqstant felici fil-konfront tar-rikorrenti, u dana fis-sens illi huwa difficili illi jemmen il-verzjoni ta' persuna illi jghid li dokument li fih kien hemm ammissjoni da parte ta' l-intimat li kien ser ihallasha sitt t'elef ewro (€6,000) "ma rahiex importanti u ghalhekk ma zammhiex". Kien ikun interessanti kieku r-rikorrenti tellghet lis-sidien tal-hanut illi hija kienet welliet sabiex il-Qorti tifhem

x'wassal lill-istess sidien jaqblu li jhassru il-kuntratt illi huma kellhom maghha wara biss madwar tmintax-il xahar u jwelluh din id-darba lill-intimat.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax illi hija skuza fjakka jekk mhux banali li wiehed jghid li ma sarx kuntratt ta' impjieg peress illi fic-Cina dawna ma jsirux. Apparti l-fatt illi huwa ferm dubjuz jekk attwalment dak li qalet r-rikorrenti dwar ic-Cina huwiex minnu, il-Qorti kienet tippretendi li persuna ta’ l-iskola taghha u li tidher li kienet kapaci u kienet qed tiehu hsieb l-affarijiet amministrattivi kollha, kienet tassikura ruhha illi, f'kaz li hija kienet impjegata, ikollha d-dokumentazzjoni kollha in regola, inkluz il-kutratt ta' impjieg. Il-fatt illi attwalment r-rikorrenti tidher irregistrata ma’ l-ETC bhala impjegata ma' Double Happiness Limited taghti aktar x'tifhem lill-Qorti illi attwalment hija qatt ma kienet impjegata ma’ l-intimat, izda kienet bi shab mieghu.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax illi ghalkemm hija tistqarr li l-kumpannija kienet ta’ l-intimat u ta' certu Qui Li Lui, id-dokumentazzjoni mal-MFSA juri totalment mod iehor, fis-sens illi jidher li attwalment r-rikorrenti kellha 50% tal-ishma tal-kumpannija Double Happiness Limited flwaqt illi l-intimat kellu biss 1% tal-ishma u Qu Li Lui kellu 49% tal-ishma. Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi b'effett mill-14 ta' April 2008, hija saret mhux biss Company Secretary tal-kumpannija izda ukoll sole Director ta’ l-istess kumpannija.

Il-fatt illi r-rikorrenti tipprova tghid illi hija ghamlet dana kollu f'isem l-intimat ma jregix peress illi ma giet ipprezentata ebda dokumentazzjoni li turi xi tip ta' ftehim f'dan is-sens bejn il-partijiet u kollox juri li r-rikorrenti kienet involuta fil-business ferm aktar minn semplici impjegata, kif qed tallega.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-eccezzjonjiet ta’ l-intimat, apparti l-ewwel eccezzjoni illi giet sorvolata mid-dokumentazjoni

ipprezentata mir-rikorrenti li turi illi hija tghix Malta legalment, l-eccezzjonijiet l-ohra principarjament huma ta' zewg tipi - wahda illi l-intimat mhux il-legittimu kontradittur peress illi huwa qatt ma impjega lir-rikorrenti, u l-ohra illi l-intimat qatt ma haddem lir-rikorrenti peress illi ma setax jimpjega nies.

Dwar l-ewwel tip ta' eccezzjoni fuq indikata, jirrizulta ampjament ippruvat illi, skond id-dokumentazzjoni ta’ l-ETC, r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta Double Happiness Limited bejn l-4 ta' Marzu 2008 u l-31 ta' Marzu 2009. Jirrizulta wkoll, skond ix-xhieda tar-rikorrenti stess, illi hija kienet qed tippretendi hlas ghal 63 gimgha minn meta giet Malta, jigifieri 11 ta' Ottubru 2007. Dana ifisser illi qed tippretendi hlas ghall paga sa l-ahhar ta' Dicembru 2008.

Tenut kont tal-fatt illi jirrizulta car li ma hemm ebda kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet u, di piu, r-rikorrenti kienet registrata bhala impjegata tas-socjeta Double Happiness Limited, illi fiha hija ghandha 50% ishma, l-eccezzjoni imressqa mill-intimat tirrizulta ppruvata.

Dwar t-tieni tip ta' eccezzjoni fuq indikata, jirrizulta mill-provi tal-ETC, illi sa’ l-4 ta' Jannar 2009 l-intimat kien indikat bhala impjegat ma' restaurant gewwa x-Xemxija u ghalhekk ma seta jimpjega lil hadd. Kien biss b'effett mit-18 ta' Ottubru 2010 illi huwa seta jimpjega lin-nies, peress illi registra ruhu bhala 'self employed'.

Tenut kont ta' tali fatt, it-tieni tip ta' eccezzjoni mressqa ma tistax ma tintlaqax ukoll peress illi fil-perjodu indikat mir-rikorrenti meta allegatament kienet impjegata ma’ l-intimat, huwa lanqas biss seta jimpjega lin-nies.

Illi ghalhekk, abbazi tal-provi prodotti, l-allegazzjonjiet maghmulha mir-rikorrenti ma gewx sufficjentement ippruvati u hemm wisq cirkostanzi illi jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi attwalment ir-rikorrenti kienet bi shab ma’ l-intimat u tali shubija sussegwentement thassret u wasslet ghall-azzjonijiet odjerni.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti.

Wara illi qieset id-dokumentazzjoni kollha mressqa quddiemha

Tghaddi biex tiddeciedi l-kaz billi, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat u

Tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------